**Ħabib antik**

Kif smajt bl-aħbar tal-mewta tiegħek
Inħsadt, kif ħallejtna ħabib,
Ħajtek f'did-dinja kif intemmet
Mort għand Kristu, il-veru tabib.

Li b'kelmtu u b'ħarsa minn tiegħu
Kemm ġid jagħmel magħna tal-għaġeb,
Kapaċi jidħol f'din ħajjitna
Jibdilha bil-qawwa li tgħaġġeb.

Kienet din il-qawwa qaddisa
Li lilek bil-wisq affaxxinat,
U għaliha b'qalbek tajt ħajtek
Ħa twassal ismu lill-istinat.

Minkejja t-tfixkil li sibt xorta
Bqajt twassal kelma ta' ġid hekk kbir,
Dik il-kelma li tmiss qalb siekta
U mitlufa f'abbiss ta' twerwir.

Fl-eżempju sabiħ li int ħallejt
Għall-familja li b'qalbek ħabbejt,
Għalihom b'imħabba tajt ħajtek
Ħabbejthom b'dak kollu li batejt.

Għallimt ħafna tfal u studenti
Lilhom wassalt lil Kristu tiegħek,
Mis-sema itlob wisq għalihom
Agħqqadhom miegħu bit-talb tiegħek.

Insellimlek u fik niftakar
It-tifkira tiegħi ġieħ tagħtik,
Maħbub ta' Kristu u Saltnatu
Tibqa' hawn f'qalbi ħabib antik.

Patri Mario Attard OFM Cap
16 ta' Marzu 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.